**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

Illum l-Erbgha 5 ta' Ottubru, 2016

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**
**(Spettur Edmond Cuschieri)**
**vs.**
**Clayton Baldacchino**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Clayton Baldacchino ta' 24 sena bin Eurcharistico u Carmen nee' Agius imwieled Pieta' fl-20/08/1983 u joqghod 5/H Bini tal-Gvern, Hamrun, li ghandu karta tal-identita' numru 0421483M.

a) Akkuzat talli fil-25 ta' April, 2008 ghall-habta tal-11.30 p.m. gewwa l-Mosta attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra membri tal-korp tal-Pulizija, persuni inkarigati minn servizz pubbliku filwaqt li huma kienu qed jagixxu ghall-ezekuzzjoni ta' dan is-servizz.
b) U aktar talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq is-surgent 419 A. Buttigieg u s-surgent 300 A. Abela skond kif iccertifika Dr. R. Busuttil M.D. tac-Centru tas-Sahha tal-Mosta.

c) Talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi hebb u hedded lill-imsemmija membri tal-Korp tal-Pulizija.
d) Talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi kiser il-paci pubbliku b'ghajjat u glied;
e) Talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi qal kliem oxxen u dagha fil-pubbliku.

Rat il-kunsens mibghut mill-Avukat Generali fit-30 t'April, 2008, sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja, u rat li l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat u deciz;

Semghet ix-xhieda kollha u rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza.

Rat li fis-seduta tas-7 ta' Dicembru 2011,[1] il-partijiet qablu li ma ssirx trattazzjoni orali u ser joqghodu fuq il-provi li jirrizultaw fil-process u talbu lill-Qorti tiehu in konsiderazzjoni partikolarment id-DVD ezebit fl-atti.

Rat li fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2016,[2] sar il-verbal segwenti: *"L-Ispettur Spiridione Zammit u Dr Kris Busietta ghall-imputat jiddikjaraw li minkejja li huma edotti mis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fid-29 t'April 2016 fl-ismijiet "Jospeh Chetcuti et vs Dr. Beppe Fenech Adami et", huma ma jsibu l-ebda oggezzjoni li din il-Qorti tistrieh fuq ir-rapport immarkat bhala Dok MB1 tal-espert Dr Martin Bajada li estrapola l-informazzjoni minn fuq l-optical diskettes esebiti bhala Dok EC a fol. 89 tal-process go format li jista jinqara bi kwalunkwe mezz tal-computer."*

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-partijiet qed jaqblu biss fuq is-segwenti fatti:

1. L-imputat kien f'bar il-Mosta mal-familjari tieghu jiccelebraw il-*birthday* ta' ohtu Claudine Baldacchino.

[1] A fol. 111 tal-process.
[2] A fol. 136 tal-process.

2. Ghal habta tal-11.30p.m. minnhom gew il-Pulizija u ordnaw lil min kien responsabbli tal-bar, Godfrey Gambin, jaghlaq il-bar, stante li allegatament ma kellux il-permessi kollha mehtiega skond il-ligi biex jiggestixxi l-bar.
3. Il-Pulizija ordnaw lil klijenti li kien hemm fil-bar biex johorgu u dawn bdew johorgu wara xulxin.
4. PS 419 Anton Buttigieg kien mal-koxxa tal-bieb tal-bar jissorvela n-nies hergin mill-bar.

Dawn huma l-unici fatti li mhux kontestati. Imbaghad hemm il-versjoni tal-fatti ta' PS 419 Anton Buttigieg u l-versjoni tal-fatti tal-imputat, li l-Qorti se taghmel sunt taghhom fil-qosor.

*Il-Versjoni tal-Pulizija*

1. Waqt l-imputat kien ghaddej mill-bieb tal-hanut fejn kien hemm PS 419 Anton Buttigieg, l-imputat tkellem hazin u oxxen fid-direzzjoni tieghu.
2. PS 419 stqasieh ghalfejn kien qed jghidlu hekk ghax il-Pulizija kienu qed jaghmlu xogholhom.
3. L-imputat stiednu biex jinza l-beritta u johrog fit-triq biex jiggieldu.
4. PS 419 xehed hekk *"Jien inhsadt x'hin qalli hekk. Jiena mort fuqu u ghamilt idejja fuq spalltu, ghidtlu isma ha nkellmek, dak il-hin dahlet tigri ohtu, Doreen Baldacchino fejn din qalet biex jiena lil hua ma mmissux. Dak il-hin ghidtilha jimporta thallina bil-kwiet u ma tindahalx u telqet ohtu. Ergghajt dort fuq Clayton u ghidtlu ejja ha nkellmek u malli dort lura taghni daqqtejn ta' ponn, wahda go ghonqi u wahda go xuftejja."*[3]
5. Fil-pront gew aktar Pulizija u u l-imputat beda jirrezisti l-arrest, u baqa' jxejjer bil-ponn u ta lil PC 419 tlieta jew erbgha daqqiet ta' ponn ohra.
6. Meta l-Pulizija raw li ma setghux jikkontrollaw lill-imputat intuza l-pepperspray, wara irnexxielhom jimmanettjaw lill-imputat u johduh l-Ghassa tal-Pulizija.
7. Fil-konfuzjoni biex jarrestaw lill-imputat sofra griehi wkoll PS 300 Alfred Abela.
8. Fix-xhieda tieghu, PS 300 Alfred Abela ikkorrobora dak li xehed PC 419 u qal ukoll li meta kienu qed jippruvaw jarrestaw lill-imputat, l-imputat tah zewg daqqiet ta' ponn.

[3] Ara xhieda ta' PS 419 Anton Buttigieg a fol. 15 tal-process.

*Il-Versjoni tal-Imputat*

1. Skond x-xhieda li tal-imputat quddiem din il-Qorti, hu, cioe l-imputat hareg l-ewwel u kien hemm missieru u ommu warajh. Fil-bieb tal-bar kien hemm PC 419.
2. Waqt li kien hiereg l-imputat gerger ma' missieru ghalfejn il-Pulizija kellhom jaghlqu l-hanut proprju dak in-nhar, u kompla miexi.
3. Meta wasal vicin il-parapett tal-bar, gie fuqu PC 419 u staqsieh b'arroganza iridx jghidlu xi haga, u l-imputat wiegbu li lilu ma kellu jghidlu xejn.
4. Skond l-imputat, PC 419 beda jallega li l-imputat kien qallu xi haga personali. Kienu xi 3 jew 4 passi l-boghod minn xulxin. PC 419 rega' staqsieh l-istess haga u l-imputat gholla idejh ghax PC 419 kien qisu se jinbuttah, u mbaghad gie mdawwar minn xi ghaxar Pulzija, li sprejjawlu l-pepperspray.
5. Pero in kontro-ezami, l-imputat ammetta li meta kien hiereg mill-hanut dagha u tkellem hazin ghax il-Pulizija kienu gew jaghlqu il-bar proprju fil-birthday ta' ohtu.
6. L-imputat cahad li kien stieden lil PC 419 ghal glied, pero ma eskludiex li meta gholla jdejh seta' laqghat lil PC 419.
7. In kontro-ezami l-imputat iddikjara li l-Pulizija ma tawhx daqqiet.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti fil-Meritu**

Din il-kawza tirrivolvi dwar kwistjoni ta' kredibilita ta' xhieda. F'dan l-aspett il-Qorti hija mghejjuna mic-CCTV footage li gie esebit fl-atti mill-Prosekuzzjoni.

Qabel tghaddi biex tispjega x'juri s-CCTV footage, il-Qorti thoss li jkun opportun li tirreferi ghax-xhieda ta' Dr Rudolph Busuttil li ezamina lil PS 419, lill-imputat u lill-ohtu Claudine Baldacchino. Mill-ezami li ghamel, irrizulta li l-imputat kellu hmura fuq in-naha tal-lemin ta' wiccu, PC419 Anton Buttigieg kellu hmura fuq il-mohh in-naha tal-lemin, hmura fuq l-ghonq in-naha tal-lemin ukoll u l-istess fuq xuftejh. Filwaqt li Claudine Baldacchino kellha

irritazzjoni f'ghajnejha n-naha tal-lemin u tbengila fuq l-imnieher. Fl-opinjoni tat-tabib il-griehi tat-tlieta li huma kienu kollha ta' natura hafifa.[4]

Dottor Busuttil xehed li waqt li kien qed jinvista lill-imputat, l-imputat ma kienx qed jikkopera imma wara li spjegawlu s-sitwazzjoni kif inhi, ikkalma ftit. Jghid ukoll li l-hmura li l-imputat kellu go wiccu kienet kompatibbli mal-uzu ta' pepper spray, u li anke l-hmura f'wiccha li kellha Claudine Baldacchino din kienet ukoll kompatibbli mal-uzu ta' pepperspray. Claudine Baldacchino kienet qaltlu wkoll li kellha daqqa fuq imnehirha.

Dottor Joseph Saliba ezamina lil PS 300 Alfred Abela, u kellu hmura kwazi ma' wiccu kollu, kif ukoll girfa fuq l-id tal-lemin u kellu grif fuq il-pexxul tal-lemin. Il-hmura ta' wiccu kienet kagunata mill-pepperspray. Il-feriti kienu ta' natura hafifa.[5]

Il-Qorti issa se tispjega dak li kkonstatat meta rat ghal diversi drabi is-CCTV esebit mill-Prosekuzzjoni. Irid jinghad li CCTV huwa bla hoss, u ghalhekk il-Qorti ma setghetx tikkonstata xi kliem kien qed jintqal.

Minn dan is-CCTV, li din il-Qorti qrat mid-DVD annessa mar-rapport tal-Espert Dottor Martin Bajada,[6] jidher l-imputat hiereg mill-bieb tal-bar fejn kien hemm PS 419 b'rasu baxxuta. Wara li kien mexa xi tlieta jew erba' passi, dar u minn fejn kien jidher qed ikellem lil PS 419 fil-qasir. L-imputat dar u kompla miexi u wara zewg passi jidher li rega' dar u tkellem ma PS 419 fil-qasir hafna. L-imputat rega' dar u kompla miexi il-barra u kien dak il-hin li PS 419 nizel dritt ghalih b'mixja pjuttost arroganti. Hemmhekk jidher li inqalghet xi tilwima, u izda peress li ngabru n-nies madwarhom, il-Qorti ma setghetx tara x'kompla jigri. Fit-tieni parti tad-DVD jidher l-imputat qed jissilet ma numru ta' Pulizija li kien qed jippruvaw izommuh, u mara – prezubilment oht l-imputat Claudine Baldacchino – tigbed lill-imputat minn daharu.

Ghalhekk dan is-CCTV footage ma jikkonfermax il-verzjoni tal-fatti li ta PS 419, ghax fl-ebda hin ma PS 419 ma jidher li mar ikellem lill-imputat bil-kwiet, izda kellmu darbtejn mill-

---

[4] Ara xhieda ta' Dottor Rudolph Buttigieg a fol 32 tal-process, c-certifikati medici rilaxxati minnu a fol. 18 (dak ta' PC 419 Anton Buttigieg u dak a fol. 20 (dak ta' Claudine Buttigieg) u a fol. 36 (dak tal-imputat).
[5] Ara xhieda ta' Dr. Joseph Saliba a fol. 38 tal-process u c-certifikat rilaxxat minnu fil-konfront ta' PS 300 Alfred Abela a fol. 19 tal-process.
[6] Ezebit a fol. 132 tal-process.

boghod u mbaghad meta mar fuqu jidher li mar b'attitudni ta' konfrontazzjoni. Min-naha l-ohra, dan is-CCTV footage lanqas jikkonferma l-verzjoni tal-imputat li PC 419 kien mar fuqu wara li kien kwazi qabez il-parapett. Mill-footage jidher car li kien hemm skambjament ta' kliem bejn l-imputat u PC419 darbtejn, qabel l-imputat wasal sa kwazi il-parapett, meta PC 419 mar ghal fuqu.

X'intqal f'dawk iz-zewg skambji ta' konversazzjoni bejn PC 419 u l-imputat ma jirrizultax. Pero l-imputat ammetta fix-xhieda tieghu li hu u hiereg kien kellem - skond hu lil missieru – u dagha u tkellem hazin ghax il-Pulizija kienu ghalqu il-hanut, anke jekk hu jghid li ma nsulentax lil PC 419. Ghalkemm wiehed jista' jifhem l-frustrazzjoni tal-imputat, dan l-agir tal-imputat jikkostitwixxi reat kriminali u hu ta' iktar serjeta meta wiehed jikkonsidra li dan id-diskors sar fil-presenza ta' hafna nies, li bil-fors kienu irrabjati wkoll li gew sforzati johorgu mill-bar fejn kienu qed jiddevertu u setghu huma wkoll johduha kontra l-Pulizija, u tinqala' rewwixta.

Min-naha l-ohra, fl-ahjar ipotesi ghall-imputat, anke jekk il-kliem tieghu ma kienx dirett direttament lejn PC 419, PC 419 ghamel sew li kellmu biex jispjegalu li l-attitudni u l-kliem tieghu kienu zbaljati. Pero fl-umli opinjoni ta' din il-Qorti, fic-cirkostanzi tal-kaz kellu PC 419 kellu jkun aktar prudenti u jsejjah u jkellem lill-imputat fil-genb, u mhux ikellmu – naturalment b'ton gholi – meta l-imputat kien lahaq mexa tlieta jew erba' passi 'l barra mill-bieb tal-bar, u b'hekk quddiem numru sostanzjali ta' klijenti ohra li kienu ghadhom fil-parapett jew ghadhom hergin mill-bar . In oltre jidher car mis-CCTV footage, li kien PC 419 li wara z-zewg skambji ta' konversazzjoni mal-imputat mhux f'distanza normali fejn zewg persuni jitkellmu ma xulxin, mexa b'mod ta' konfrontazzjoni fuq l-imputat.

L-imputat xehed li ma jeskludix li meta gholla jdejh seta' laqghat lil PS 419, pero il-persuna responsabbli mill-bar Godfrey Gambin – li hu xhud indipendenti – xehed li hu ra lill-imputat jaghti daqqa ta' ponn lil PC 419.[7] Skond Gambin, PS 419 imbaghad xejjer daqqa lill-imputat, ghalkemm l-imputat xehed li l-Pulizija ma tawhx daqqiet. Gambin xehed ukoll li qabel l-imputat ta daqqa ta' ponn lil PC 419, PC 419 kien qed ikun ftit arroganti mal-imputat.

[7] Ara xhieda ta' Godfrey Gambin a fol 69-70 tal-process.

In vista ta' dak irrekordjat fic-CCTV footage, din il-Qorti ma tistax tati kredibilita lix-xhieda ta' Claudine Baldacchino, oht l-imputat, ghax hafna mix-xhieda taghha hija kontra dak li hemm irrekordjat fil-filmat.

Ma hemmx dubbju minn dak li kkonstatat il-Qorti mis-CCTV footage li l-imputat irrezista l-arrest bi vjolenza kbira, u diversi membri tal-Pulizija ma setghux jikkontrollawh. Fil-fatt mill-provi jirrizulta li l-Pulizija kellha tuza il-pepperspray biex tikkontrolla lill-imputat.

Mis-suespost, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-Prosekuzzjoni ippruvat sal-grad rikjest minnha fil-kamp kriminali, l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra l-imputat

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Rigward il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-fedina penali tal-imputat mhix wahda allarmanti – huwa ghandu kundanna li qal kliem oxxen u insolenti fl-istadium ta' Ta'Qali, u li saq vettura meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi, u li naqas li jaghti kampjun tan-nifs skond il-ligi.

Il-feriti sofferti mill-Pulizija kienu ta' natura hafifa. Pero dan ma jnaqqasx mill-gravita tal-fatt li membri tal-forzi tal-ordni jigu attakati fizikament fil-qadi tal-funzjonijiet taghhom. Il-fatt li PS 419 seta kien arroganti fl-agir tieghu, ma jiggustifikax l-agir tal-imputat, li kellu rimedji ohra, jekk hass li PS 419 kien qed jabbuza mill-poteri tieghu.

Min-naha l-ohra, il-Qorti m'hix tal-opinjoni li kundanna ta' prigunerija effettiva hija piena idonea fil-fattispecje tal-kaz odjern.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 96, 221(1), 95(1), 338(dd) u 338(bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet maghmula kontrih, u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sitt (6) xhur prigunerija, li fid-dawl tal-

konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' sentejn, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha, u cioe f'kaz li jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv.

**Magistrat**

**Deputat Registratur**